# IL-BINI B'ĦAĠAR KBIR TAL-GŻEJJER TAGĦNA

—Mort Ħaġar Qim, qalli Fidiel. Dak bini tal-għaġeb! Tassew xogħol tal-ġganti għax biex tħarrek dak il-ħaġar u issejjes dawk il-ħitan ma tridx tkun bniedem tad-dinja. Jew xogħol tal-għefiered jew ta' nies darbtejn daqsna.

—Mela Fidiel, għedt jien, int tisthajjel li dak it-tirx refgħuh fuq daharhom il-ġganti u nasbuh bħal ma int twaħħal iz-zkuk? Irrid ingħid bħalek li kull bniedem minn dawk kien jiflaħ darbtejn daqsek jew aktar iżda hemm ħaġar li jiżen mal-għaxar tunnellati, f'Ħaġar Qim, jew biex tifhimni aħjar, mal-ħamsin qantar. Iljunfant taħt dik it-tagħbija kien isir ftira, aħseb bniedem. Int għalik ġgant xi ħaġa bħal dawk il-ħajdrolik ġaks *(hydraulic jacks*, bl-ingliż) li hemm id-Dokkjard li b'dawra ta' l-imradd jarfa' dar. Flok timla' rasek b'dak li qatt ma ħsibt sewwa fuqu, ara tmurx aħjar kieku tara jekk nies bħalna setgħux jibnu dal-bini hekk kbir. Biex tasal fis-sewwa ma għandekx iġġib quddiem għajnejk il-bniedem u l-ħaġar kbir biss, għandek iżżid magħhom il-kotra ta' nies u ż-żmien. Kien ikun fih għaġeb kbir kieku iriduk temmen li sitta min-nies bnew wieħed minn dawk il-ħitan f'ġimgħa. Żid il-kotra u ż-żmien u kollox jiġi f'tiegħu. Qatt ma smajthom igħidu li "il-kotra ssewwi l-bokra", u "bil-qtajra l-qtajra tintela' l-ġrajra" u "min jimxi maż-żmien jasal?" Mela ħallik minn kemm kienet tiflaħ in-nies ta' dak iż-żmien u aħseb fit-tajfa li riedet tagħmel dan il-maqdes u fis-snin il-kbar li ħadet biex ittemmu. Kemm żmien riedu biex jaqtgħu kull tirxa minn fuq ommha, kemm xogħol biex iqan-qluha mill-bejta wara l-qtigħ, kemm tqanżiħ u tqandil biex tinġarr fejn kellha tintasab jew fejn riedha l-imgħallem.

Il-qtigħ ta' dal-ħaġar li jwaħħax sar b'għodod ta' ċagħqa samma, nitfa ta' laqxa taż-żnied marbuta sħiħ ma' maqbad tal-għuda. L-ewwel tinħażż trinka, inbagħad daqqa wara l-oħra, bħal ma nagħmlu l-lum bil-bqaqen, it-trinka tifnad u l-laqx jinkines sa ma tasal il-ħxuna tal-ħaġra li għandha tinqata'. Il-ħaddiem kien ifittex dejjem blat qalliegħ, saff fuq l-ieħor biex il-qiegħ ikun maqtugħ minn l-ewwel minn wiċċ ommu, għalhekk it-trinka x'aktar kienet issir minn żewġ naħiet biss, u xi daqqiet minn naħa waħda jekk tkun tirxa tat-tarf.

Maqtugħa minn sodditha, mill-ġnieb u minn taħt, il-ħaġra kienet tkun imħejjija għall-ġarr. Biex iqanqluha kienu x'aktar jimlew it-trinka bi bċejjeċ tal-għuda niexfa li jitbillu wara, għax il-għuda mita tixrob l-ilma tismen u titfa' 'l barra u taqsam kull ma ssib quddiemha. Zokk ta' siġra kien ukoll jagħmel lieva u jqanqal il-ħaġra maqtugħa minn l-art.



HAĠAR QIM — L-OGĦLA PLIER

Issa għall-ġarr. Fuq l-art ħarxa u mħattba ma tmexxix ħaġar kbir. Għalhekk ħasbu jaqtgħu ħafna ħaġar gerbubi, balal ingħidulu l-lum, ta' kull daqs biex fuqhom il-ħaġar jimxi bħal kieku fuq romblu. Blajta daqsiex, jekk tqiegħda fuq balla, għal nofsha, iżżomm miżien u tarbija tħarrikha. Mela balla jew tnejn taħt il-blajta u kullħadd jinbotta b'dir-

għajn u biż-żkuk tas-siġar; fejn il-blat jaħbat aħrax iż-żejjed iwittu bil-ħamrija u jimlew il-ħofor bil-laqx u l-ħaddiema annuna ikaxkru u jiġbdu u fejn jeħlu jżidu n-nies u żmien kemm trid. Dak li nbeda l-lum jitkompla għada jew pitgħada, jew id-dieħla. Żmien kemm trid, imma l-ħaġra tasal fejn iriduha.

Hawn l-imgħallem iqejjes u jħożż u jamar x'għandu jinqata', jitlaqqax, u jitmelles biex ħaġra torbot ma' l-oħra, jew biex tista' tieqaf jew torqod fejn irid hu. U dlonk ilħaddiema tibda tħokk u togħrok, fejn qabel naqqxet, u birramel u l-ilma u iċ-ċagħq samm wiċċ il-ħaġra jitmelles u jisbieħ biex plier jagħqad ma' plier, xriek ma' xriek, wiċċ ma' wiċċ, għax tajn l-imgħallem ma jridx.

Il-ħaġra minġura minn kullimkien, issa baqa' li tirtafa' fejn għandha tieqaf.

Dan xogħol jiebes. L-ewwel, ras il-plier jirtafa' kemm kemm u jibda l-irfid bil-laqx żgħir fil-bidu sa ma l-irfid jikber. Għorma ħamrija taħt il-ħaġra sserraħ it-toqol, tati l-medda li tinħtieġ, u għorma ħamrija in-naħa l-oħra, ma tħallix ilħaġra tinqaleb l-ura mita tasal biex iżżom għal faqániha. U bl-irfid, u bil-ġbid u bit-tfigħ u bit-tħaxkim, ftit il-lum u ftit għada, il-ħaġra tieqaf, u hekk jieqfu sħabha u l-ħajt joktor u l-bini jissaħħaħ. Il-mogħdijiet kienu jissaqqfu b'xorok kbar, tal-qasba jew itwal, u fejn il-ħajt idur, x'aktar għal kenn, id-dwejra kienet tissaqqaf bħal arzella. Dat-tisqif kien irid aktar logħob. L-ewwel kienu jitwaqqfu l-plieri fuq il-qawwara li ħażż il-mexxej u fuq dawn kien jibda l-bini bix-xorok mimduda, saff fuq saff. Biex issir l-arzella kull saff ħaġar kien joħroġ daqsxejn il-barra minn dak ta' taħtu u hekk il-qawra tiċkien aktar ma togħla u l-qaws tagħha jintlewa sa ma jasal l-aħħar saff li jkun jista' jitgħatta bi xriek. Mita l-ħitan u l-isqfa kienu jiġu mitmuma, irfid sħiħ kien isir min-naħa ta' barra billi jirtadam tirx kbir mal-ħajt. Min jifli, bi ftit reqqa, il-bini ta' xi maqdes ta' dak iż-żmien, għandu jistagħġeb bil-kobor ta' dat-tirx mirdum biex jirfed il-bini.

Naħseb li mita l-bennej kien iqiegħed l-aħħar ħaġra jitlaq il-maqdes f'idejn il-ħaddiema tar-reqqa biex dawn jirqmu il-ħitan, jiksru xi xewka jew xi pinna li tagħti fil-għajn, imellsu l-uċuh ta' ġewwa, jitqbu fejn għandu jsir irbit tal-bwieb u, bit-tinqix 'l hawn u 'l hinn, iżejnu fejn hu xieraq u fejn jinħtieġ għal dinhom. Wara dawn, naħseb li oħrajn kienu jieħdu ħsieb idendlu ġlud u jiksu bil-għuda fejn aktar

kien jixraq, għax dan kien maqjem tal-Mulej tagħhom u ix-xogħol kien isir kollu għal ġiehu.

Għax dak li fadal minn dan il-bini tal-għaġeb, wara eluf ta' snin, mhux ħlief is-sisien qawwija li la x-xita u la r-riħ, u la l-ħaxix u la l-bhejjem u la n-nies (l-aktar in-nies) ma setgħu jeqirdu. It-tiżjin, it-tlellix, it-tirqim, kollox ixxejjen biż-żmien.



ĦAĠAR QIM — L-AKBAR ĦAĠRA MIMDUDA

Għalhekk, għidtlu lil Fidiel, ħallik min din il-ħlieqa tal-ġganti u ta' l-egħfiered, dan il-bini xogħol il-Maltin mita fil-baħar tan-nofs kienu l-ewwel nies għad-dehen u għall-ħidma. Kull min iħobb il-gżira fejn twieled għandu jgħożż dak li baqa' minn għamilhom għax xogħolhom biss jista' jatina xi ħjiel fuqhom, ta' dak li kienu, ta' għerfhom u ta' dinhom. Fuq dan-nies, miktub ma jista' jinsab xejn, iżda aħjar mill-kitba għandna dak li sawru u dan jista' jgagħilna nitgħallmu fejn kienu waslu fis-snajja, u fil-ħsieb ta' twemminhom. Dal-bini aħna writnieh u jinħtieġ inżommuh bħal ħaġa għa-żiża, l-egħżeż li għandna tista' tgħid. Ftakar Fidiel li l-għor-rief kollha mgħaġġba bi ġmielu għax bħalu ma raw imkien.

**T. Z.**